Iċ-'Charter' Ewropew tad-Drittijiet tal-Pazjenti jsemmi **14-il dritt tal-pazjenti** li lkoll flimkien għandom l-għan li jiggarantixxu "livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa umana" – (Art. 35 taċ-'Charter' tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali).

Iċ-'Charter' jaħseb biex jiġu assigurati livelli għoljin ta' servizzi tas-saħħa pprovduti mis-saħħa pubblika fil-pajjiżi Ewopej.

L-erbatax-il dritt huma msejsa fuq id-drittijiet fundamentali u għalhekk, għandhom ikunu rikonoxxuti u rispettati f'kull pajjiż.

Dawn għandhom jimxu id f'id flimkien mad-dmirijiet u responsabbiltajiet li għandhom jerfgħu kemm iċ-ċittadini kif ukoll kull min hu involut fis-servizz tas-saħħa.

Iċ-'Charter' jista' jiġi applikat għal kull individwu, filwaqt li jirrikonoxxi li ċerti differenzi, bħal eta', il-ġens, ir-reliġjon, u l-istat soċjali, u ekonomiku, eċċ., jistgħu jinfluwenzaw il-ħtiġijiet ta' kura tas-saħħa li persuna jista' jkollha.

Iċ-'Charter' Ewropew tad-Drittijiet tal-Pazjenti ġie mfassal fl-2002 mill-**"Active Citizenship Network"** b'kollaborazzjoni ma' tnax (12)-il organiżżazjoni ta' ċittadini minn pajjiġi ewropej differenti: Apovita (Portugall), Cittadinanzattiva (Italja), Confederación de Consumidores y Usurarios (Spanja), Danish Consumer Council (Danimarka), Deutsche Gesellschaft für Versicherte und Patienten e. V. (Ġermanja), Fédération Belge contre le Cancer (Belġju), International Neurotrauma Research Organization (Awstrija), Irish Patients Association Ltd (Irlanda), KE. P.K.A (Greċja), Nederlandse Patiënten Consumenten Federatie (Olanda), The Patients Association (Renju Unit), Vereniging Samenwerkende Ouderen Patiëntenorganisaties (Olanda).

### L-Active Citizenship Network

(www.activecitizenship.net) hi network Ewropea li tiġbor fiha madwar 100 organiżżazjoni minn 30 pajjiż ewropew. In-network hi mwaqfa mill-NGO Taljana, Cittadinanzattiva. L-għan hu li tgħati sehemha għall-iżvilupp taċ-ċittadinanza attiva Ewropea.

## L-għan tal-Malta Health Network

L-għan ta' l-MHN hu biex jirrappreżenta l-interessi tal-pazjenti u s-saħħa tal-komunità f'Malta, fl-Unjoni Ewropea u fuq livell internazjonali, dan permezz ta' koordinazzjoni aħjar, kollaborazzjoni, taħriġ u ta' komunikazzjoni dwar metodi għal saħħa aħjar bejn organiżżazjonijiet mhux governattivi (NGOs) li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, għaqdiet li ma jaħdmux għal profitt (NPOs) u gruppi li jirrappreżentaw l-interessi tal-pazjenti (PRGs).

## Oġġettivi

1. Biex tgħati vuċi lil pazjenti dwar oqsma tas-saħħa f'Malta u lil hinn minnha.
2. Biex tinfluwenza il-politika u l-prattika tas-saħħa għal ġid tal-komunità.
3. Biex toffi qafas li jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn NGOs, NPOs u PRGs u l-Ministeri/l-awtoritajiet u l-komunità Maltija dwar oqsma tas-saħħa u tal-pazjenti
4. Biex tirrappreżenta l-organiżżazjonijiet (NGOs, NPOs u PRGs) tas-saħħa fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali

MALTA HEALTH NETWORK
A NETWORK OF NON GOVERNMENTAL & NOT FOR PROFIT ORGANISATIONS

**Malta Health Network,**
c/o Malta Resource Centre,
9, Camilleri Court, Testaferrata Str.,
Ta' Xbiex, XBX 1470
http://mrc.org.mt/page.asp?p=7117&l=1
www.sosmalta.org/mhn
e-mail: mhnadmin@gmail.com

ACTIVE CITIZENSHIP NETWORK

**Active Citizenship Network**
Via Flaminia, 53 - 00196 Rome - Italy
tel. +39 06 367181 fax +39 06 36718333
www.activecitizenship.net

Graphic Design: Emiliana Colucci, Fabio Salamida & Besprint Co. Ltd
Printed: Besprint Co. Ltd

European Charter of Patients' Rights

# Iċ-Charter Ewropew tad-Drittijiet tal-Pazjenti

ACTIVE CITIZENSHIP NETWORK

MALTA HEALTH NETWORK
A NETWORK OF NON GOVERNMENTAL & NOT FOR PROFIT ORGANISATIONS

### Id-drittijiet għaċ-ċittadini attivi

Iċ-'Charter' jipporvdi tlett drittijiet għaċ-ċittadini attivi – dawn jippermettu individwi u għaqdiet ta' ċittadini li jqajmu l-għarfien dwar id-drittijiet tal-pazjenti u li jaraw li verament jidhlu fis-sehh.

- **Dritt li jorganizzaw attivitajiet ta' interess ġenerali.**
- **Dritt li jorganizzaw attivitajiet biex jinfurmaw lill-pubbliku.**
- **Dritt li jkollhom sehem fit-tfassil tal-politika dwar is- saħħa.**

## 1 Dritt għal miżuri preventivi

Kull individwu għandu dritt li jingħata servizz adekwat biex jiġi evitat xi mard.

## 2 Dritt għall-aċċess

Kull individwu għandu dritt li jkollu aċċess għas-servizzi tas-saħħa li jkollu bżonn. Is-servizzi tas-saħħa għandhom jiżguraw aċċess indaqs għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni minħabba mezzi finanzjarji, il-pajjiż fejn joqgħod l-individwu, il-marda li jkollu jew meta jagħmel użu mis-servizz.

## 3 Dritt għall-informazzjoni

Kull individwu għandu dritt li jkollu aċċess għal kull informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa tiegħu, dwar -servizzi tas-saħħa u kif juża dawn is-servizzi; kif wkoll żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi ġodda

## 4 Dritt ta' kunsens

Kull individwu għandu dritt għall-aċċess għal kull informazzjoni li tista' twasslu biex ikollu sehem attiv fid-deċiżjonijiet li jistgħu jittieħdu dwar saħħtu. Din l-informazzjoni għandha tingħata qabel tibda kwalunkwe proċedura jew kura, kif ukoll sehem f'riċerka xjentifika.

## 5 Dritt għall-għażla ħielsa

Kull individwu għandu dritt li, wara li tingħata informazzjoni xierqa, u jkun infurmat biżżejjed, ikun ħieles li jagħżel minn fost diversi proċeduri u min iwettaq dawn il-proċeduri.

ID-DRITTIJIET TAL-PAZJENTI
M'GĦANDĦOMX FRUNTIERI

## 6 Dritt għall-privatezza u kunfidenzjalità

Kull individwu għandu dritt għal kunfidenzjalità rigward informazzjoni personali, inkluż dik l-informazzjoni dwar l-istat ta' saħħtu kif ukoll dwar il-possibiltà ta' proċeduri djanjostici jew terapewtiċi. Kull persuna għandha dritt li jkollha l-privatezza protetta waqt it-twettieq ta' eżamijiet djanostiċi, viżti minn speċjalisti, kif ukoll waqt kura medika in ġenerali.

## 7 Dritt li jiġi rispettat il-ħin tal-pazjenti

Kull individwu għandu dritt li jingħata t-trattament ta' kura fl-iqsar żmien u f'perjodu ta' żmien miftiehem minn qabel. Dan id-dritt japplika għal kull fażi tal-kura.

## 8 Dritt għall-prattika li tilħaq livelli għolja ta' kwalità

Kull individwu għandu dritt għall-aċċess għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja, billi jkunu osservati kriterji speċifiċi u preċiżi.

## 9 Dritt għas-sigurtà

Kull individwu għandu dritt li ma jbatiex danni li jkunu ikkawżati minn servizzi tas-saħħa mhux adekwati, jew minn prattiċi mediċi ħżiena jew żbaljati. Il-pazjent għandu jkollu servizzi tas-saħħa li jiżguraw livelli għoljin ta' sigurtà.

## 10 Dritt għal żviluppi ġodda

Kull individwu għandu dritt li jkollu aċċess għal proċeduri innovattivi, inklużi dawk djanjostiċi, skond livelli stabbiliti fuq livell internazzjonali, indipendentament minn mezzi ekonomiċi jew finanzjarji.

## 11 Dritt li jiġi evitat uġiegħ u tbatija bla bżonn

Kull individwu għandu dritt li ma jitħalliex ibati bla bżonn,f'kull fażi tal-marda tiegħu.

## 12 Dritt għal kura personalizzatat

Kull individwu għandu dritt li jirċievi trattamenti djanostiċi u terapewtiċi kemm jista' jkun mfassla skond il-ħtiġijiet personali tiegħu.

## 13 Dritt li jilmenta

Kull individwu għandu dritt li jagħmel ilment dwar xi danni li jkun sofra, u li jirċievi tweġiba u t-tagħrif kollu dwar l-ilment tiegħu.

## 14 Dritt għall kumpens

Kull individwu għandu dritt li jirċievi kumpens xieraq fi żmien qasir kemm il-darba jsofri danni ta' natura fiżika, morali u psikoloġika li jirriżultaw minn xi kura li jkun ħa mis-servizz tas-saħħa.